**11 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Jason Friggieri

**Omiċidju Involontarju**

*Fil-kamp ta' reati involontarji il-fatt li persuna jkun traskurat f'mumenti qabel inċident, ma jfissirx li kien traskurat meta jiġri l-fatt.*

*Dak li l-prosekuzzjoni trid tipprova f'każ ta' reat involontarju hu illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti li tkun segwita b'ness ta' kawżalita' minn event dannuż involontarju.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet kontra Jason Friggieri u ċjoe` li:

Fit-18 ta' Lulju, 1991, għal xi l-10.45 p.m. fi Triq Birbal, Ħal Balzan, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu tas-sewqan jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku laqat bil-karozza tiegħu numru ta' reġistrazzjoni K-6937 u tajjar lil Sollid Kari Thomanek ta' 14-il sena, Norveġiża u lil Kaupang Geir Arne ta' 16-il sena, Norveġiż u kkaġunalhom il-mewt;

Fl-istess data, lok u ħin b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu tas-sewqan jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Hanne Nilssen ta' 15-il sena Norveġiża u Kurt Holm ta' 20 sena, Norveġiż, skond kif iċċertifikat Dr. Elizabeth Xuereb M.D., ta' l-Isptar San Luqa;

Fl-istess data, lok u ħin saq vettura li ġġib in-numru K-6937 tal-marka Escort, b'sewqan eċċessiv, b'manjiera perikoluża, negliġenti u ttraskurata;

U fl-aħħar xhur qabel it-22 ta' Lulju, 1991 naqas li jagħti

avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan fir-rigward it-trasferiment tal-vettura li ġġib in-numru K-6937 fi żmien sebat ijiem li titlob il-liġi;

Rat is-sentenza tad-9 ta' Diċembru, 1993 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet hekk:

"Għalhekk, waqt li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tikkundannah għal terminu ta' priġunerija ta' 24 xahar, li minnhom jitnaqqas it-terminu li għamel taħt arrest preventiv, tissospendih mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal perijodu ta' sentejn, tordnalu illi jagħmel it-trasferiment meħtieġ fi żmien 3 xhur mil-lum taħt penali ta' Lm2 kuljum fin-nuqqas u tordnalu jħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji f'dan il-każ skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilliberah mill-imputazzjonijiet;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

Il-fatti fil-qosor huma dawn: Fit-18 ta' Lulju, 1991 għall-ħabta tal-10.45 p.m. grupp ta' żgħażagħ studenti kienu fi Triq Birbal, Ħal Balzan mexjin fid-direzzjoni ta' H'Attard. Kienu bejn għoxrin u tletin u mexjin tnejn, tnejn f'linja mal-ġenb tal-lemin tagħhom tat-triq. Fosthom forsi kien hemm xi ftit mexjin waħedhom f'dik il-linja, u tlieta flimkien spalla ma' spalla. Mill-faċċata tagħhom ġie l-imputat appellant isuq il-karozza numru K-6937 u nvesta dak il-grupp. Bħala riżultat mietu tnejn minn dawk iż-żgħażagħ u tnejn oħra sofrew offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna;

L-aggravji ta' l-appellant huma sostanzjalment tlieta: l-ewwel li l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux bla dubbju raġonevoli għall-ħtija ta' l-appellant; it-tieni li l-vittmi kkontribwew għall-inċident bin-negliġenza tagħhom; u t-tielet li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija eċċessiva;

L-ewwel aggravju tiegħu l-appellant espremih hekk verbatim:

"Bir-rispett lejn id-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti (li ma kinitx Qorti ta' kumpilazzjoni kif hemm indikat fis-sentenza) din setgħet ġiet influwenzata minn fatturi li strettament għandhom konnessjoni mal-każ bħala valur probatorju, pero` li ma jikkostitwux il-pern ta' prova biex Qorti tiddeċidi fil-grad rikjest mil-liġi dwar responsabilita` penali. Fil-fatt jidher ċar anke minn analisi ta' kif l-ewwel Qorti kklassifikat il-provi, li l-ħsieb tal-Qorti kien li tagħti importanza esaġerata għal dawk il-provi rigwardanti għall-mumenti qabel u wara li ġara l-inċident. Bir-rispett, il-provi rilevantissimi huma dawk li jirriferixxu għall-mument stess ta' l-inċident. Mhux qed jingħad illi l-fatt illi wara l-inċident l-esponent baqa' sejjer, fuq bażi umana, dan ma joħloqx antipatija, partikolarment ir-riżultat traġiku, pero` fuq bażi umana wkoll wieħed jifhem ix-xokk, qata' kbira u paniku li bilfors kellu l-esponenti fil-ftit sekondi wara l-inċident. Il-mod ta' reazzjoni momentarja tiegħu li jibqa' sejjer mhix l-aħjar mod li wieħed jesprimi sens ta' rġulija, pero` lanqas għandha tinfluwixxi lill-ġudikant biex tiżra` fih sens ta' antipatija u preġudizzju. Anke għal dawk li huma l-provi qabel l-inċident, dawn jistgħu juru ċertu komportament, pero` anteċedent mhux bilfors hu prova tal-fatt kriminali attwali. Anke f'materja fejn jinħtieġ id-*dolo*, huwa ben risaput illi l-premeditazzjoni u/jew il-motiv mhumiex prova neċessarja pero` jistgħu biss ikunu indikazzjonijiet. Anke fil-kamp ta' reati involontarji, l-fatt li persuna jkun traskurat f'mumenti

qabel inċident, ma jfissirx li kien traskurat meta jiġri l-fatt. Jista' jingħad li l-prova ta' tali komportament qabel l-inċident ma tgħinx fil-psike li mingħandu jiġġudika, tista' tinfluwixxi fuq il-ġudizzju tiegħu, tista' toħloq stmerrija kopjata mal-fatt tat-traġiku fil-każ, pero` istinti ta' preġudizzji, antipatija u sentimenti simili jmorru oltre kull vera sens ta' apprezzament oġġettiv għal dawk il-provi li jkunu pertinenti għall-mument ta' l-inċident;

It-teżi ta' l-esponenti, li una volta li qed iġib provi in difesa tiegħu, iridu jreġu fuq bażi ta' probabilta`u eskluzi mill-provi tal-prosekuzzjoni fuq bażi ta' mingħajr dubbju raġonevoli, huma bir-rispett sostenibbli, meta wieħed jiskarta kull konsiderazzjoni ta' antipatija li wieħed bil-fors li jkollu fuq aspett non-legali għall-każ;

M'hemmx dubbju li l-każ hu wieħed traġiku. L-istronkar ta' ħajja qabel iż-żmien żgur li hu sentiment li jġib sogħba kbira. Pero` nonostante dan kollu, it-test legali hu li l-prosekuzzjoni trid tipprova fil-grad rikjest mil-liġi illi:

"Tirrikorri kondotta volontarja negliġenti li tkun segwita b'ness ta' kawżalita` minn event dannuż involontarju" (Vide **Il-Pulizija** ***vs*** **Perit L. Portelli** per Imħallef J. Fores - Appell Kriminali 4 ta' Frar, 1961);

Kif ġie ritenut mill-ġurisprudenza tagħna u anke f'każijiet Ingliżi "Il-kwistjoni tar-responsabilita` minħabba f'materja kriminali hija pjuttost diffiċli, għaliex altru negliġenza fil-kamp ċivili u altru negliġenza fil-kamp kriminali" (*vide* Appell Kriminali **Il-Pulizija** ***vs*** **Xerri** deċiża fit-28 ta' Frar, 1953). Fil-fatt, kif ritenut fil-każ ikkwotat fil-*Leading Cases in Criminal Law* mill-awtur Wilshere,

il-prinċipju jista' jiġi enunċajt b'sigurezza meta l-prosekuzzjoni tipprova mingħajr ebda dubbju ddettat mir-raġuni, illi persuna bla ma tieħu l-prekawzjoni meħtieġa tagħmel volontarjament att fih innifsu perikoluż;

Wieħed għandu jinnota illi t-triq fejn ġara' l-inċident hi triq dritta u m'hemm l-ebda telgħa jew inżul. Il-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova x'kienet jew setgħet kienet ir-raġuni li sewwieq li għaddej fid-dritt irid jikser l-*isteering* biex jolqot persuni mal-ġenb. Żgur li m'hemm l-ebda prova li l-vettura setgħet perpret biex laqtet lill-*pedestrians*. Fil-fatt il-vettura laqtet lill-persuni indikati mhux bil-ġenb tagħha, li jfisser loġikament illi ried ikun hemm raġuni għala sar l-impatt. Ir-raġuni mhux, bir-rispett, telf ta' kontroll tal-vettura, iżda raġuni spjegata mill-istess esponenti fix-xhieda tiegħu. Din hi l-unika raġuni loġika fiċ-ċirkostanzi tal-każ fondata fuq il-provi ta' l-esponenti li m'għandhiex tiġi skartata bil-mod kif, bir-rispett, għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. M'hemmx dubbju li kien hemm din ir-raġuni li ġiegħlet lill-esponenti jevita vettura mill-faċċata b'dawl li għamietu li ħolqot il-manuvra fatali. Għalhekk analizzat il-każ akkuratament u b'mod spreġudikat, il-provi tal-prosekuzzjoni ma jiskartawx 'l hemm minn kull dubbju ddettat mir-raġuni, il-provi tad-difiża ppruvati fuq il-grad rikjest mil-liġi ta' probabilita` li l-*causa causans* ta' l-inċident ma kinitx in-negliġenza tiegħu";

L-appellant korrettement josserva li ċ-ċirkostanzi anteċedenti u dawk suċċedenti l-mument ta' l-inċident mhux bilfors huma prova tal-kondotta ta' l-appellant f'dak il-mument ta' l-inċident. Jistgħu pero` jkunu importanti in kwantu li jservu biex raġonevolment jikkonfermaw jew anke jsaħħu l-konvinzjoni dwar dak li jirriżulta li ġara fil-ħin ta' l-inċident;

Dwar il-mument ta' l-inċident xehdu għaxra miż-żgħażagħ involuti u l-appellant. Dan xehed li kien isuq fi Triq Birbal bil-ħamsa u tletin kilometru fis-siegħa, bid-dwal ta' quddiem, ta' qabel il-*birght*, mixgħulin. Kompla jgħid verbatim: "Jien u nieżel mal-lemin kelli filliera *cars* ipparkjati. Kienet ġejja karozza *opposite* tiegħi u jien ksirt lejn ix-xellug biex niskapula lilu għax rassni, u f'daqqa waħda rajt gaj - għax jien kien moħħni fid-dawl tiegħu li kien f'għajnejja. Kull ma naf li nisma' "bumm"". L-appellant xehed ukoll li l-karozza li ġiet mill-faċċata tiegħu huwa kien lemaħha x'ħin kien fejn il-*guard* tal-Palazz ta' San Anton. Żied jgħid li bil-grupp taż-żgħażagħ kien induna x'ħin kien tard wisq;

Minn din id-disposizzjoni ta' l-appellant innifsu tirriżulta kjarament l-imprudenza fis-sewqan tiegħu fil-mument ta' l-inċident. Effettivament, skond din ix-xiehda, l-appellant kien ra l-karozza msemmija minn ċerta distanza. Bid-dawl tagħha fixklitu b'mod li ma setax jara x'kellu quddiemu ħlief id-dawl ta' dik il-karozza. B'danakollu ma naqqas xejn mill-veloċita`. L-appellant baqa' jsuq u biex jevita l-karozza l-oħra, kiser lejn ix-xellug u hekk investa liż-żgħażagħ imsemmijin li ma kienx rahom qabel;

Ovvjament l-appellant, jekk, kif qal hu, ma kienx qiegħed jara minħabba d-dawl tal-karozza l-oħra, kellu d-dmir li jwaqqaf u mhux ikompli jsuq bla ma jara x'kien hemm u min kien hemm fit-triq. Jiġifieri anke skond il-versjoni ta' l-appellant innifsu, fil-ħin ta' l-inċident huwa kien isuq imprudentement u s-sinistru kien il-konsegwenza ta' dan is-sewqan imprudenti;

B'danakollu xi wħud miċ-ċirkostanzi kienu diversi minn kif xehedhom l-appellant. Miż-żgħażagħ in kwistjoni li xehdu bosta qalu li fi Triq Birbal ma kienet ġejja ebda karozza mid-direzzjoni

opposta għal dik ta' l-appellant. Oħrajn qalu li ma jiftakrux. Ħadd minnhom ma qal li kien hemm karozza oħra;

Bosta minn dawk iż-żgħażagħ xehdu li l-appellant kien bla dawl. Ħadd minnhom ma qal li kellu d-dwal. Alex Mattei xehed li ra lill-appellant għaddej fi Triq Birbal immedjatament wara l-inċident u deherlu li kien bla dwal;

Iż-żgħażagħ kollha, jew kważi kollha, xehdu li l-appellant ġie fuqhom bi *speed* eċċessiv. Ħadd minnhom ma xehed li kien bi *speed* inqas minn eċċessiv. P.S.487 Alfred Borg xehed li immedjatament qabel l-inċident ra lill-appellant isuq għal ġo Triq Birbal *gas down*. L-*ispeed* eċċessiv ta' l-appellant huwa kkonfermat mill-entita` tal-ħsara li kellha l-karozza li kien isuq bħala riżultat ta' l-inċident u mid-distanza li għaliha ġew imtajrin iż-żewġ żgħażagħ li ġew maqtulin;

Mill-premess jidher li ċ-ċirkostanzi anteċedenti u suċċedenti għall-inċident li xehdu dwarhom Alfred Borg u Alex Mattei, jikkonfermaw dak li xehdu ż-żgħażagħ dwar l-*ispeed* ta' l-appellant u l-fatt li kien bla dawl fil-ħin ta' l-inċident;

Il-fatt li l-appellant kiser lejn ix-xellug għal ġoż-żgħażagħ jirriżulta kemm miż-żgħażagħ kif ukoll mill-appellant. Iż-żgħażagħ ma tawx raġuni għal din il-manuvra. L-appellant qal li kien kiser biex jevita l-karozza l-oħra. Din l-ispjegazzjoni ta' l-appellant ma tidhirx valida billi, għar-raġuni fuq mogħtija, mhuwiex kredibbli fejn huwa xehed li kien ġie rinfaċċjat b'karozza oħra. F'kull każ, dik l-ispjegazzjoni ma tnaqqas xejn mir-responsabilita` ta' l-appellant għar-raġuni premessa fil-paragrafu 7 hawn fuq;

Mill-premess jirriżulta li l-appellant huwa ħati tar-reati ta' l-omiċidji involontarji u ta' l-offiżi fuq il-persuna dedotti fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet, kif ukoll tas-sewqan bi ksur tal-liġi dedott fit-tielet imputazzjoni;

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-allegat kontribut tal-vittmi għall-inċident bin-neglienza tagħhom. Kif ġa` ntqal, dawn kienu mexjin flimkien maż-żgħażagħ l-oħra, mal-ġenb tat-triq fejn ma kienx hemm bankina. Jidher li setgħu mxew fuq il-bankina li kien hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq, għalkemm din il-bankina kienet dejqa. Effettivament, fil-mument tas-sinistru kien hemm numru ta' żgħażagħ oħrajn mexjin fuq dik il-bankina. B'danakollu rriżulta li l-grupp taż-żgħażagħ li ġie investit kienu mexjin f'linja dritta viċin ħafna tal-ħajt ma' ġenb it-triq b'mod li kien hemm spazju sewwa fit-triq mnejn seta' jgħaddi l-appellant minn bejn iż-żgħażagħ u xi karozzi pparkjati fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Ma jirriżultax li l-vittmi kkontribwew għall-inċident;

Jiġi rrilevat li fir-rikors tiegħu l-appellant ma għamel ebda riferenza għar-raba' imputazzjoni, dik ċjoe` li ma tax avviż tat-trasferiment tal-karozza msemmija numru K-6937. Irriferixxa għal dik l-imputazzjoni biss indirettament, billi talab ir-revoka tas-sentenza appellata, kompriża għalhekk dik il-parti tas-sentenza li biha ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni msemmija;

L-appellant ma jirriżultax ħati ta' din ir-raba' imputazzjoni. Effettivament il-karozza kienet proprjeta` ta' Anthony Friggieri missier l-appellant. Ma jirriżultax li qatt kienet ġiet ittrasferita mill-appellant jew lilu b'xi wieħed mill-mod msemmijin fir-regolament 25 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, jew li kien sar xi ftehim mill-appellant fit-termini ta' dak ir-regolament;

Kwantu jirrigwarda l-piena, l-appellant fir-rikors tiegħu issottometta kif segwenti:

"…. l-avukat ta' fiduċja in prim'istanza ikkwota ftit mill-każijiet fejn għal akkużi simili, il-Qorti ma infliġġietx piena karċerarja. Dan iwassal lill-esponenti biex isemmi illi hu kunċett ta' ġustizzja illi sentenzi fuq imputazzjonijiet simili jkollhom eżitu, ossia, ġudizzju fejn l-uniformita` tkun l-iskop prevalenti. Anke f'sentenza dan l-aħħar fejn ġiet inflitta piena karċerarja ta' sitt xhur għal akkuża simili, il-President tar-Repubbblika uża l-awtorita` tiegħu biex ħafer *tali piena. F'każijiet oħra reċenti fuq akkużi simili, ma ġietx inflitta* piena karċerarja, iżda multa qawwija u revoka tal-liċenzji tas-sewqan. Kull ċitttadin, una volta li jinstab ħati, għandu jkollu trattament ta' piena uniformi u żgur mhux sporporzjonata";

Kwantu għall-uniformita` fil-piena, din il-Qorti għandha dan xi tgħid. Għall-omiċidju involontarju l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi l-piena "ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew multa mhux iżjed min elfejn lira". Jiġifieri l-Qorti għandha xelta wiesgħa fl-applikazzjoni tal-piena, bl-iskop ovvju li l-Qorti tirregola ruħha skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li *jistgħu jvarjaw estremament il-grad tar-responsabilita` kriminali*. Barra minn hekk, mill-ordni tad-diċitura tal-liġi, ċjoe` li l-ewwel issemmi l-priġunerija u mbagħad il-multa, jidher li l-omiċidju involontarju huwa kkunsidrat bħala delitt gravi, kif tabilħaqq hu, li jistħoqqlu l-piena tal-priġunerija, salv ċirkostanzi tant attenwanti li ma tkunx tistħoqq il-piena tal-priġunerija iżda dik tal-multa;

Jiġifieri l-Qorti għandha tfittex l-uniformita` fil-piena fil-każi li fihom il-grad ta' ħtija huwa ftit jew wisq simili wieħed għall-ieħor. Dan pero` m'għandux ikun bi preġudizzju tal-koxjenza tal-

ġudikant partikolari, li jagħmel tajjeb jagħti ħjiel ta' kif ikun wasal għax-xorta u għall-kobor tal-piena li jinfliġġi;

Fil-każ preżenti, din il-Qorti wara li qieset is-sewqan bl-addoċċ, sfrenat u bla konsiderazzjoni għal ħaddieħor da parti ta' l-appellant, kif irriżulta bla dubbju raġonevoli kemm fil-ħin ta' l-inċident, kif ukoll immedjatament qabel u wara li qieset ukoll il-mewt ta' żewġ persuni bħala riżultat ta' dak is-sewqan, mhix tal-fehma li jkun xieraq li tapplika l-*probation* jew is-sentenza sospiża lill-appellant, kif jissuġġerixxi hu fir-rikors tiegħu. Hija tal-fehma li tinfliġġi l-priġunerija. In vista pero' tal-fedina penali netta tiegħu, sejra tvarja kif infraskritt il-piena inflitta mill-ewwel Qorti;

Kwantu għal dak li jissottometti l-appellant dwar il-maħfra ta' l-Eċċellenza Tiegħu il-President tar-Repubbļika, din il-Qorti ċertament ma tindaħalx f'din il-prerogattiva. Hija tiddeċidi skond il-liġi u skond il-kuxjenza tagħha u tħalli lil min jista' jagħti l-parir għall-maħfra li jaġixxi skond il-kuxjenza tiegħu u daqstant ieħor skond il-liġi;

Għall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tikkonfermaha in kwantu li biha l-appellant ġie misjub ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet; in kwantu li biha ġie skwalifikat mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal sentejn, b'dan li dan it-terminu jibda' jgħodd mil-lum u in kwantu li biha ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-perizji; u

Tirrevokaha fil-bqija u minflok tikkundannah tnax-il xahar priġunerija (l-appellant ottjena l-liberta' provviżorja dak in-nhar li ġie mressaq quddiem l-ewwel Qorti) u tiddikjarah mhux ħati tar-

raba' imputazzjoni u tilliberah minnha.